# MULTUM IN PARVO

*Ta'* A. Cremona

## LINGWISTIKA

### I. EVOLUZZJONI TAL-LSIEN MALTI

*Għamla strutturali.* Fond semitiku (Għarbi) li maż-żmien tħallat ma' kliem u frażijiet minn lingwi Ewropej (romnzi: Taljan-Sqalli, b'xi kliem 'l hawn u 'l hinn Spanjoli, Franċiżi u dan l-aħħar Ingliżi).

*Morfoloġija:* Semitika (Għarbija ta' l-artijiet tas-Sirja u ta' l-Affrika ta' Fuq, mill-Eġittu sal-Marokk).

*Sintassi:* Semitika (Għarbija b'influwenza Taljana-Sqallija-Spanjola fil-bini ta' sentenzi u frażijiet).

### KATEGORIJI TA' KLIEM SEMITIKU LI BAQA' FIL-MALTI TAL-LUM

I. i) Kliem dwar fenomeni naturali. Eż: *Dinja, xemx, sħana, bard, kesħa, qamar, sema, ragħad, beraq, silġ.*

ii) Oġġetti naturali. Eż: *Blat, art, ħaġar, wied, trab, tafal, ramel.*

iii) Pjanti u għelejjel tar-raba'. Eż: *Siġar, ħaxix, weraq, zkuk, ward, żahar, żerriegħa, bajtar, tin, qamħ, xgħir, tgħam, toffieħ, għeneb, dielja.*

N.B. — Siġar u pjanti li mhumiex lokali għandhom iktarx dejjem isem barrani (Taljan, Sqalli, Ingliż, eċċ.).

iv) Annimali. Eż: *Tajr, għasafar, bhejjem, żiemel, bagħal, dud, tiġieġa, fellus, mogħża, nagħġa, gidi, ħaruf, baqra,* eċċ.

N.B. — Annimali li ma jgħammrux fil-gżejjer ta' Malta iktarx ma għandhomx isem Malti.

v) Bniedem u organi tiegħu. Eż: *Raġel, mara, ġisem, ħalq, ras, id, driegħ, riġel, żaqq, wirk, wiċċ, dahar, saba', rkobba. kift,* eċċ.

N.B. — Xi żewġ ismijiet minn dawn il-lum iktarx nafuhom b'ismijiet ta' nisel Taljan bħalma huma: *koxxa, spalla* flok *wirk, kift.*

vi) Qrubija. Eż: *Omm, iben, bint, ulied, ħu* (minn *aħu*), *għam, ħaten,* eċċ., (barra minn xi kliem li daħal fil-Malti bl-influwenza ta' użu ġdid barrani fit-taħlit ma' razez Ewropej, bħal *ziju, neputi, kunajtu* u *missier* (minn *messere*).

vii) Għemil naturali. Eż: a) *Twelid, għax, xjieħ, miet, rabba', kiber.* b) *Raqad, mexa, ġera, għeja, strieħ, medd, imtedd.*

c) *Kiel, xorob, marad.* d) *Tala', niżel, daħal, ħareġ, mar, ġera, ġie.* e) *Biegħ, xtara, ħallas, seraq.*

Minn dawn l-eżempji tidher l-evoluzzjoni ta' l-ilsien Malti mill-bidu taż-Żminijiet tan-Nofs 'l hawn meta ma' kliem primitiv daħal kliem ieħor bit-taħlit ta' gvernijiet ġodda u razez li magħhom kellna sehem fil-ħajja soċjali, fl-industrja, kummerċ u ċiviltà.

---

II. Kliem ieħor ta' nisel semitiku u ta' nisel rumanz li jfisser l-istess idea, jew idea oħra li tixbah l-ewlenija, taħt isem differenti, xi mindaqqiet biex jingħażel l-isem tas-sengħa minn dik ta' l-arti jew il-ħaġa qadima mill-ħaġa moderna. L-isem li jfisser *sengħa* huwa iktarx semitiku, fil-waqt li dak li jfisser *l-arti* huwa rumanz.

| *Isem Malti-Semitiku* | *Isem Malti-Rumanz* |
|---|---|
| Daqqaq | Mużikier |
| Żebbiegħ | Pittur |
| Naqqâx | Skultur |
| Għana | Kant |
| Għannej | Kantant |
| Baħri | Nawċier |
| Ħatar | Bastun |
| Kejjiel | Piżatur |
| Maqbad | Manku |
| Ħaddiem | Lavrant, manwal |
| Mgħarfa | Kuċċarun, kuċċarina (Akkrexxitiv u Diminutiv) |
| Wadab | Żbandola, vleġġa |
| Bidwi | Gabillott |
| Reffiegħ | Pastas |
| Għexierien | Deċmi |
| Xoqqa | Tila |
| Kelb | Kanjolin (Dimin.) |
| Qabla | Mammana, majjistra |
| Ħlieqa | Ċajta |
| Mogħdija | Passaġġ |
| Mselħa | Xkupa |
| Moxt | Pettine |

**ANNIMALI**

| | |
|---|---|
| Tieni, wott, kibx | Muntun |
| Erħa, għoġol | Vitella |
| Ħanżir, qażquż | Majjal, porku |

Xi żewġ ismijiet oħra bl-isem Semitiku-Malti jfissru *sengħa* u bl-isem Malti-Rumanz *sengħa oħra li tixxiebah*. Hekk għandna l-kelmiet :-

Naġġar u mastrudaxxa; sajjied u kaċċatur.

---

III. Kliem li għandu fl-aħħar sillaba bil-vokali *u* iktarx jagħtik l-idea ta' *ċokon* jew *tul* fil-għamla tal-ħaġa.

Eż : *Seffud, sarbut, lenbut, betbut, gallut, ħanxul, ħannus, karus, ħanfus, qrempuċ, gellux* jew *qellux, kermus* (tin li għadu ma sarx), *fellus, qażquż, redus, fettul.*

**FONETIKA**

IV. KONSONANTI doppji fl-aħħar sillaba tal-kelma jitilfu l-aħħar waħda fil-plural miksur :-

*Martell — mrietel; kappell — kpiepel; furketta — frieket; bardaxxa — bradax; bixkilla — bxiekel; qartalla — qratal.*

**Regula**

i) Vokali atona (bla aċċent toniku) titlob warajha *konsonanti waħda*. Eż : *Ħabat, qasam,* iżda mbagħad : *ħabbatt, qassamt* fejn il-vokali b'aċċent toniku maħtuf titlob warajha *żewġ konsonanti* jew *iżjed*.

ii) *Żewġ konsonanti* fl-aħħar sillaba ta' kelma jkollhom qabilhom l-aċċent toniku (maħtuf); iżda meta fl-inflessjoni tal-kelma l-aċċent toniku jmur fuq l-ewwel sillaba *waħda* mill-konsonanti tinxorob għax il-vokali ta' qabilha ssir atona. Hekk minn *kappell* għandna *kpiepel*, minn *bixkilla, bxiekel.*

---

V. Influwenza tal-Konsonanti gutturali, dentali enfatiċi fuq il-vokalizzazzjoni tal-kelma.

Bħala regula ġenerali l-konsonanti gutturali (tal-gerżuma), konsonanti dentali (tas-snien) u konsonanti enfatiċi iktarx jitolbu warajhom il-vokali *a*. Eż : *Qaleb, qares, ħatem, għażel, ħaġeb, għasel, salib, tabib, ħażen, talab.*

N.B. — Kif naraw il-vokali *a* tinstama' wara l-gutturali *q, ħ* (gutturali aspirata), *għ* u d-dentali enfatiċi *s, t*. Id-dentali enfatiċi huma dawk l-ittri li fil-Għarbi għandhom ħoss iżjed qawwi minn dawk l-oħrajn bħalhom, bħalma huma *d(dhad), t(tha), t(thza)* u *s(sad) li* fil-Malti jagħtu biss il-leħen sempliċi ħafif ta' *d, t* u *s* għax tilfu l-ħoss ewlieni tagħhom.

Bħala eżempji nieħdu l-verbi trilitteri.

Konsonanti gutturali, dentali jew enfatiċi fil-bidu, fin-nofs, jew fit-tarf.

Vokalizzazzjoni : *a* — *a*: (fil-bidu) *qasam*, *talab*; (fin-nofs) *bagħat*, *laqat*, *nasab*, *dagħa*, *ragħa* (fit-tarf) *baqa*(għ), *tala*(gh). *a* — *e* (fil-bidu) *qatel*, *ħasel*, (fil-Għarbi *Għasel*), *e* — *a* (fit-tarf) *telaq*, *żebagħ*, *feraħ*. *o* — *a*; *o* — *o* (wara konsonanti gutturali) (i) *għola*, *għoxa*; (ii) *roħos*, *ħonoq*, *qomos*.

N.B. Għal xi tagħrif iżjed dettaljat u tar-reqqa fuq il-vokalizzazzjoni Maltija tista' taqra l-istudju tiegħi fuq "Il-Vokalizzazzjoni tal-Verbi Maltin" f'IL-MALTI ta' l-1939.

**VI. SINTASSI**

**L-Aġġettiv fil-Malti**

VI. 1. L-Aġġettiv fil-grad pożitiv imur *wara n-nom*. Eż : *Raġel sabiħ*. *Mara fqira*.

2. L-Aġġettiv fil-grad superlativ imur *qabel in-nom*. Eż : *L-aqwa raġel*. *L-isbaħ ktieb*.

3. L-Aġġettiv fil-grad komparativ imur *wara* n-nom jew pronom personali. Eż : *Ġużè, ħuk, itwal minn Ġanni*.

N.B. — i) L-aġġettiv jitqiegħed qabel in-nom meta l-aġġettiv hija kelma Taljan :-

Eż : *Il-gran Sultan*; *il-veru Nisrani*.

ii) Jiġi illi l-aġġettiv jitqiegħed qabel in-nom ukoll meta l-aġġettiv hija kelma Maltja. Hekk ġie li ngħidu : *Il-Kbir Missierna San Pawl*. *O ħanin Alla*.

**Determinazzjoni ta' l-Aġġettiv**

Aġġettiv jista' jkun determinat jew le.

Eż : (i) *It-tifel il-kbir*; (ii) *It-tifel kbir*; (iii) *Tifel kbir*.

i) Fl-ewwel eżempju l-aġġettiv bla artiklu jiddetermina it-*tifel*, jiġifieri jagħżel it-tifel minn tfal oħra.

ii) Fit-tieni eżempju l-aġġettiv bla artiklu, wara isem qiegħed bħala *predikat* (jiġifieri għandu miftiehem il-verb sostantiv *hu*, fis-sens ta' *to be*, jew *essere* (*is* jew *è*).

iii) Fit-tielet eżempju l-aġġettiv bla artiklu wara nom bla artiklu jikkwalifika nom indeterminat.

L-Aġġettivi Numerali Kardinali u Ordinali jmorru qabel in-nom. Eż : *Ħamest itfal*; *Sitt irġiel*; *l-ewwel mara*; *It-tieni dar*.

---

VI. *Biha* (Bi — ha). — *Fiha* (Fi — ha).

Il-Pronom femminil *ha* magħqud mal-preposizzjonijiet *bi*, *fi* fis-sintassi Maltija għandu sens newtru (*it* Ingliża). Eż : *Ma ġejtx fiha*. *Din x'fiha?*

Bħala oġġett (akkużativ) tal-verb. Eż : *Tista' tgħoddha b'waħda*. *Ħadha miegħu*. *Ibigħha bil-għali*. *Kif inhu? — Jilgħabha*.